



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2009/2221(INI)

27.4.2010

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol, it-tiŝiħ tal-istejtus ta' min jitħarreġ, tal-internship u l-apprendistat (2009/2221(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Katarína Neved'alová

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi erbgħa mill-għaxar miżuri adottati fis-samit straordinarju tal-UE ta' Praga fl-2009 dwar l-impjiegi jirrigwardaw l-edukazzjoni, it-taħriġ vokazzjonali, it-tagħlim tul il-ħajja, l-apprendistati, l-iffaċilitar tal-mobilità, u tbassir aħjar tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u ħiliet komplementari,
1. Iqis li l-edukazzjoni u t-taħriġ huma kruċjali għall-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol u jenfasizza l-importanza li l-iskemi għat-tagħlim tul il-ħajja, inklużi skemi formali u mhux formali tal-edukazzjoni, ikunu aċċessibbli għal kulħadd u biex l-individwi jingħataw ħiliet u l-kompetenzi msemmija fil-“Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda”; ifakkar li l-kisba ta' għarfien bażiku u livell tajjeb ta' kultura ġenerali huma fatturi ewlenin fil-mobilità professjonali;
2. Ifakkar li l-għan tal-proċess ta' Kopenhagen huwa li jinkoraġġixxi lil individwi biex jagħmlu użu minn firxa wiesgħa ta' opportunitajiet disponibbli ta' tagħlim vokazzjonali (eż. fl-iskola, f'edukazzjoni għolja, fuq il-post tax-xogħol, jew permezz ta' korsijiet privati);
3. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata li ż-żgħażaġħ kollha jkollhom qalba kompleta tal-kompetenzi bażiċi, li hija essenzjali biex tippromwovi mobilità tul il-ħajja u biex tippermettihom ilaħħqu mal-bidliet fis-suq tax-xogħol u l-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali ġodda li jitfaċċaw;
4. Iqis li t-tagħlim tal-lingwa huwa kruċjali biex jiffaċilita l-aċċess taż-żgħażaġħ għas-suq tax-xogħol u għall-promozzjoni tal-mobilità u l-opportunitajiet indaqs tagħhom;
5. Jenfasizza l-importanza li tiġi promossa l-intraprenditorija, li ż-żgħażaġħ jiġu meġġuna biex jibdeu in-negozju tagħhom u li jiġi promoss u estiż il-programm Erasmus għal Intraprendituri Żgħażaġħ; għalhekk huwa jirrakkomanda kampanja ta' informazzjoni tal-UE, f'istituti edukattivi, li tkopri l-intraprenditorija, il-kapital inizjali, it-tassazzjoni fuq negozju ġdid, u l-appoġġ kontinwu fit-taħriġ;
6. Jenfasizza kemm huwa importanti għall-Istati Membri li jiżviluppaw impjiegi hodur, pereżempju billi jipprovdu taħriġ f'teknoloġiji ambjentali;
7. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati programmi speċifiċi għal persuni b'diżabilità bil-għan li jkabbru l-possibilitajiet tagħhom ta' aċċess għas-suq tax-xogħol;
8. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni intraprenditorjali, li hija parti integrali mill-proċess tal-ksib tal-ħiliet meħtieġa għal tipi ġodda ta' impjiegi;
9. Iqis bħala essenzjali t-twaqqif ta' sħubijiet bejn id-dinja tal-edukazzjoni u x-xogħol, u jappella għat-titjib fil-mobilità u l-faċilitajiet lingwistiċi għall-għalliema, il-ħaddiema, l-

istudenti, u l-intraprendituri żgħażaġh, sabiex il-programm Erasmus jiġi estiż;

10. Jenfasizza l-ħtieġa ta' inizjattivi jew programmi ġodda fil-livell tal-UE biex titjeb il-mobilità tal-istudenti bejn sistemi tal-edukazzjoni għolja u s-settur tan-negozju;
11. Jitlob lill-Istati Membri biex iħaffu l-armonizzazzjoni tal-profilu ta' kwalifiki nazzjonali u l-profilu ta' kwalifiki Ewropej sabiex iżidu aktar il-mobilità taż-żgħażaġh fl-oqsma tal-edukazzjoni u x-xogħol;
12. Jappoġġa l-għoti ta' traineeships bħala parti integrali tal-curriculum tal-edukazzjoni, li jagħti lill-istudenti l-opportunità li jkissbu ħiliet u esperjenza ta' xogħol, biex b'hekk tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol fil-futur; jenfasizza l-funzjoni edukattiva tat-traineeships u jenfasizza li dawn m'għandhomx jissostittwixxu l-impjeggi;
13. Iqis l-iżvilupp u l-għoti ta' internships b'rabta qawwija mal-curricula tal-istudju bħala importanti ħafna minħabba li dawn jagħtu l-opportunità li persuna tkun tista' tikkonsolida l-ħiliet tagħha u tibda taħdem anki bi ftit esperjenza u taħriġ minn qabel; iqis li l-internships (b'kumpens finanzjarju ġust) huma mezz meħtieġ biex persuna tgħaqqad l-edukazzjoni u x-xogħol, billi ċerti skemi juru rata ta' impjegar ta' 70% wara internship li jkun intemm b'suċċess;
14. Jilqa' l-eżitu tal-laqgħa tal-Ministri Ewropej Responsabbli għall-Edukazzjoni Għolja dwar il-Proċess ta' Bologna 2020 (April 28-29, 2009) fejn intalbu sħubijiet aktar b'saħħithom bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, l-istudenti, dawk li jħaddmu u l-impjegati bħala mezz għal implimentazzjoni aħjar tal-politiki tat-tagħlim tul il-ħajja;
15. Jitlob lill-Istati Membri biex jippromwovu r-rikonoxximent tal-kisbiet edukattivi fil-qafas tat-tagħlim mhux formali u dak informali sabiex iż-żgħażaġh ikunu jistgħu juru aktar l-edukazzjoni u l-kompetenzi tagħhom, kif mitlub meta jkunu qed ifittxu impjeg fis-suq;
16. Iqis li l-apprendisti għandhom jitħarrġu b'mod xieraq u li dan it-taħriġ fuq ix-xogħol għandu jservi bħala mezz biex jinkisbu mhux biss il-kompetenzi u l-ħiliet iżda wkoll l-għarfien professjonali; jappoġġa t-tiżiħ tar-rabta bejn l-edukazzjoni u x-xogħol, u jissuġġerixxi li l-kompetenzi diġitali, it-teknoloġiji ġodda, ix-xjenza u l-lingwi għandhom jingħataw rwol ċentrali fl-edukazzjoni;
17. Jitlob monitoraġġ aktar mill-qrib tal-attivitajiet ta' min jitħarreġ u tal-ftehimiet tax-xogħol tagħhom sabiex jiġi evitat kwalunkwe abbuż, bħalma huma l-abbużi fir-rigward tat-tul ta' żmien tat-traineeships;
18. Jenfasizza li r-riċessjoni ekonomika attwali tista' tintuża b'mod tajjeb bħala opportunità unika għar-reviżjoni ta' politiki u t-tiżiħ ta' programmi li jiffaċilitaw l-aċċess taż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol;
19. Jitlob appoġġ u prestiġju akbar fir-rigward tat-taħriġ vokazzjonali;
20. Jenfasizza l-importanza li jiġu inkoraġġiti t-traineeships u l-mobilità għaż-żgħażaġh involuti fl-iskejjel jew fit-taħriġ għal attivitajiet artistiċi bħaċ-ċinema, il-mużika, iż-żfin,

it-teatru jew iċ-ċirku;

21. Ifakkar li l-istrateġija l-għdida UE 2020 għandha rwol kruċjali fit-titjib tal-potenzjal ta' ċittadini għall-impjieg; minħabba li ż-żgħażaġ huma fattur ewlieni biex jinkisbu l-għanijiet ta' din l-istrateġija u wieħed mill-aktar gruppi affetwati, iqis bħala importanti li huma jingħataw edukazzjoni u taħriġ aħjar u jitħeġġu biex isegwu dan; jenfasizza l-hteġa ta' ffukar mill-għdid tal-baġit tal-UE biex il-prijoritajiet baġitarji tal-UE jkunu jaqblu mal-prijoritajiet politiċi enfasizzati fl-istrateġija UE 2020;
22. Jitlob lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri ta' azzjoni affermattiva għaż-żgħażaġ f'dawk l-oqsma tas-suq tax-xogħol fejn huma sottorappreżentati;
23. Iqis li għandu jkun hemm appoġġ akbar għal programmi tal-voluntiera f'oqsma varji, inklużi, inter alia, l-oqsma soċjali, kulturali u sportivi;
24. Jenfasizza l-importanza li ż-żgħażaġ jiġu involuti fit-tfassil tal-politiki dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex il-ħtiġijiet tagħhom ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati aħjar; jirrakkomanda f'dan ir-rigward li l-Kummissjoni tikkonsulta mar-rappreżentanti tal-kunsilli nazzjonali taż-żgħażaġ dwar il-prijoritajiet għaż-żgħażaġ;
25. Jitlob lill-Istati Membri biex jieħdu l-miżuri kollha biex jiġġieldu r-rata għolja ta' waqfien bikri mill-iskola fost l-istudenti, biex b'hekk dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jiksbu kwalifiki addizzjonali u jiġi ffaċilitat id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol fil-futur;
26. Jikkunsdra li huwa ferm importanti li s-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ tiġi adattata għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel malajr u għad-domanda għal professjonisti ġodda;
27. Huwa mħasseb ferm dwar in-numri li qed jikber ta' żgħażaġ qiegħda, b'mod partikolari fil-kriżi ekonomika attwali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li s-swieq tax-xogħol ikunu flessibbli kemm jista' jkun sabiex jiżguraw li dawk li qegħdin fl-aħħar stadji tal-edukazzjoni jew taħriġ tagħhom ikunu jistgħu jsibu xogħol u jiċċaqilqu minn impjieg għall-ieħor faċilment;
28. Jenfasizza l-importanza li l-litteriżmu diġitali u medjatiku jiġi inkorporat fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u li dan il-proċess jitkompla tul l-internships, sabiex iċ-ċittadini kollha jiksbu ħila diġitali tajba;
29. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jipprovdu liż-żgħażaġ bil-faċilitajiet neċessarji biex jiżviluppaw il-ħiliet li għandha bżonn l-industrija, sabiex tiġi żgurata possibiltà akbar li jsibu impjieg fit-tmiem tal-edukazzjoni jew it-taħriġ;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.4.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Malika Benarab-Attou, Lothar Bisky, Piotr Borys, Jean-Marie Cavada, Silvia Costa, Santiago Fisas Ayxela, Mary Honeyball, Cătălin Sorin Ivan, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Katarína Neveďalová, Doris Pack, Chrysoula Paliadeli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Marco Scurria, Joanna Senyszyn, Timo Soini, Emil Stoyanov, Hannu Takkula, László Tőkés, Marie-Christine Vergiat, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Liam Aylward, Ivo Belet, Oriol Junqueras Vies, Hans-Peter Martin, Iosif Matula
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Vicky Ford